**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviż Nru. 106/00VG**

**Joseph Muscat**

**Vs**

**Charles Schembri u Jonathan Tonna**

**Illum 20 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviż ippreżentat minn Joseph Muscat fis-27 ta' Jannar 2000 permezz ta' liema jitlob li Charles Schembri u Jonathan Tonna jew min minnhom, jiġu ikkundannati jħallsu s-somma ta' disa' mija u ħamsa u sebgħin Lira Maltija (Lm975), illum ekwivalenti għal €2,271.14, dovuta lill-Kontrollur tad-Dwana bħala VAT/ETC fuq il-yacht M.Y. Stranamore, ex. Gracey Lee, meta dan il-yacht li kien impurtat Malta duty free, ġie mibjugħ minnhom jew min minnhom, u għal liema ammont huwa qed jiġi erronejament interpellat għall-ħlas meta huwa qatt ma biegħ l-imsemmi yacht, bl-ispejjeż kontra Charles Schembri u Jonathan Tonna;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Charles Schembri permezz ta' liema jeċċepixxi li t-talbiet attriċi, in kwantu diretti fil-konfront tiegħu, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa la biegħ lill-attur u lanqas ma importa ġewwa Malta l-yacht M.Y. Stranamore;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Jonathan Tonna permezz ta' liema jeċċepixxi li: (i) preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija intempestiva stante li l-attur ma ġie kkundannat iħallas l-ebda ammont lill-Kontrollur tad-Dwana u fi kwalunkwe każ hemm kawża pendenti fuq l-istess mertu fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna u Joseph Muscat" Avviż Nru. 45/00, li permezz tagħha l-Kontrollur tad-Dwana qed jitlob li Jonathan Tonna u Joseph Muscat jiġu kkundannati jħallsuh l-istess somma u għall-istess raġunijiet indikati fl-avviż odjern u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda jew

huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) l-ażżjoni attriċi hija superfluwa u ma tistax treġi billi l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu xi somma lill-Kontrollur tad-Dwana li lanqas mhuwa parti fil-kawża odjerna; (iii) it-talba attriċi ma tistax tiġi proposta u hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-attur ma jistax ikollu ebda pretensjoni fil-konfront tiegħu għall-ħlas jekk, fl-istess nifs, qed jippremetti li qiegħed jiġi interpellat erronejament għall-ħlas mill-Kontrollur tad-Dwana; (iv) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi huwa m'għandu jħallas l-ebda flus bħala VAT/ETC kif qed jallega l-istess attur;

Rat li b'Digriet mogħti fit-12 ta' Frar 2001[1], l-atti ta' dawn il-proċeduri nbagħtu biex jinstemgħu mal-kawża fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00;

Rat illi dawn il-proċeduri kien qed jistennew l-eżitu tal-proċeduri fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00, liema proċeduri ġew eventwalment deċiżi b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2014;

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[2], l-attur iddikjara li fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00, mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2014, liema sentenza ma ġietx appellata, il-mertu tal-proċeduri odjerni ġie eżawrit u jifdal għalhekk li jiġi trattat u deċiż il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat li waqt is-seduta tat-23 ta' April 2015[3], id-difensur tal-konvenut Jonathan Tonna iddikjarat li meta kienu ġew istitwiti dawn il-proċeduri l-konvenut ta fost affarijiet oħra l-eċċezzjoni ta' l-intempestività u fid-dawl tas-sentenza mogħtija fil-kawża istitwita mill-Kontrollur tad-Dwana bin-Numru 45/00, tinsisti fuq tali eċċezzjoni u b'hekk il-konvenut Tonna ma għandux ibagħti l-ispejjeż. Rat li waqt l-istess imsemmija seduta d-difensur ta' l-attur iddikjara li m'għandux wisq iktar xi jżid dwar il-kwistjoni tal-kap ta' l-ispejjeż li ċertament l-attur m'għandux jeħel l-ispejjeż pertinenti għal Charles Schembri li qatt ma deher f'dawn il-proċeduri u lanqas fil-proċeduri l-oħra istitwiti mill-Kontrollur tad-Dwana u fi kwalunkwe każ lanqas m'għandu jeħel spejjeż relattivi għal Jonathan Tonna;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00 deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2014;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 20 tal-proċess.
[2] Fol. 82 tal-proċess.
[3] Fol. 84 tal-proċess.

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jew min minnhom jiġu ikkundannati iħallsu s-somma ta' Lm975, illum ekwivalenti għal €2,271.14, dovuta lill-Kontrollur tad-Dwana bħala VAT/ETC fuq il-yacht M.Y. Stranamore, ex. Gracey Lee, meta dan il-yacht li kien impurtat Malta duty free, ġie mibjugħ minnhom jew min minnhom, u għal liema ammont huwa qed jiġi erronejament interpellat għall-ħlas meta huwa qatt ma biegħ l-imsemmi yacht.

Il-konvenut Charles Schembri laqa' għat-talba attriċi bl-eċċezzjoni li t-talbiet attriċi, in kwantu diretti fil-konfront tiegħu, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa la biegħ lill-attur u lanqas ma importa ġewwa Malta l-yacht M.Y. Stranamore. Il-konvenut Jonathan Tonna laqa' għat-talba attriċi bl-eċċezzjonijiet illi: (i) preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija intempestiva stante li l-attur ma ġie kkundannat iħallas l-ebda ammont lill-Kontrollur tad-Dwana u fi kwalunkwe każ hemm kawża pendenti fuq l-istess mertu fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna u Joseph Muscat" Avviż Nru. 45/00, li permezz tagħha l-Kontrollur tad-Dwana qed jitlob li Jonathan Tonna u Joseph Muscat jiġu kkundannati jħallsuh l-istess somma u għall-istess raġunijiet indikati fl-avviż odjern u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda jew huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) l-ażżjoni attriċi hija superfluwa u ma tistax treġi billi l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu xi somma lill-Kontrollur tad-Dwana li lanqas mhuwa parti fil-kawża odjerna; (iii) it-talba attriċi ma tistax tiġi proposta u hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-attur ma jistax ikollu ebda pretensjoni fil-konfront tiegħu għall-ħlas jekk, fl-istess nifs, qed jippremetti li qiegħed jiġi interpellat erronejament għall-ħlas mill-Kontrollur tad-Dwana; (iv) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi huwa m'għandu jħallas l-ebda flus bħala VAT/ETC kif qed jallega l-istess attur.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-proċeduri odjerni huma konnessi ma' u jittrattaw l-istess mertu tal-proċeduri fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00, liema proċeduri ġew deċiżi minn din il-Qorti b'sentenza pronunċjata fis-6 ta' Ottubru 2014. In segwitu għal u fid-dawl ta' l-imsemmija sentenza, liema sentenza ma ġietx appellata[4], l-attur f'dawn il-proċeduri iddikjara li l-mertu tal-proċeduri odjerni ġie eżawrit u b'hekk jifdal li jiġi trattat u deċiż biss il-kap ta' l-ispejjeż, dwar liema kwistjoni jirriżulta li l-partijiet ma seħħilhomx jilħqu ftehim[5].

Din is-sentenza għalhekk hija limitata għall-kap ta' l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.
Filwaqt li l-attur jikkontendi li huwa ma għandux jeħel l-ispejjeż pertinenti għall-konvenut Charles Schembri li qatt ma deher f'dawn il-proċeduri u lanqas fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00 u lanqas għandu jeħel l-ispejjeż pertinenti għall-konvenut l-ieħor

[4] Vide verbal tas-seduta datata 17 ta' Novembru 2014, fol. 82 tal-proċess.
[5] Vide verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2015, fol. 83 tal-proċess.

Jonathan Tonna, il-konvenut Tonna ddikjara li meta kienu ġew istitwiti dawn il-proċeduri huwa kien ta, fost affarijiet oħra, l-eċċezzjoni ta' l-intempestività u fid-dawl tas-sentenza mogħtija fil-kawża istitwita mill-Kontrollur tad-Dwana bin-Numru 45/00, jinsisti fuq tali eċċezzjoni u b'hekk ma għandux ibagħti l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Il-konvenut l-ieħor Charles Schembri ma ressaq l-ebda sottomissjonijiet fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż.

Bis-sentenza pronunċjata fis-6 ta' Ottubru 2014 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00, liema sentenza għaddiet in ġudikat in kwantu ma tressaqx appell minnha, it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana għall-ħlas tas-somma ta' Lm975 bħala VAT/ETI dovuta fuq il-yacht MY Stranamore, ex Gracey Lee, kif dedotta kemm fil-konfront ta' Joseph Muscat kif ukoll fil-konfront ta' Jonathan Tonna ġiet miċħuda stante li irriżultat għal kollox ġuridikament insostenibbli. Konsegwentement għalhekk la Joseph Muscat u lanqas Jonathan Tonna ma ġew ikkundannati jħallsu ebda ammont lill-Kontrollur tad-Dwana.

Fid-dawl ta' dik is-sentenza huwa iktar milli evidenti li l-mertu tal-proċeduri in eżami huwa għal kollox eżawrit, kif del resto rikonoxxut mill-attur innfisu. Kuntrarjament għal dak pretiż mill-attur odjern però, il-Qorti tqis li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati unikament mill-attur, u dana vis-a-vis iż-żewġ konvenuti, anke jekk wieħed minnhom għad illi kkontestata l-azzjoni attriċi qatt ma deher f'dawn il-proċeduri.

Mis-sentenza fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00 jirriżulta li fit-**13 ta' Jannar 2000** il-Kontrollur tad-Dwana istitwixxa proċeduri fil-konfront ta' Jonathan Tonna, konvenut f'dawn il-proċeduri, u fil-konfront ta' Joseph Muscat, attur f'dawn il-proċeduri, sabiex jiġu kkundannati jħallsuh is-somma ta' Lm975, ekwivalenti għal €2,271.14, rappreżentanti VAT/ETI dovuta fuq il-yacht MY Stranamore, ex Gracey Lee, li kien daħal Malta duty free skond il-Liġi iżda li imbagħad inbiegħ lil persuni Maltin bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' importazzjoni duty free ai termini ta' National Notes tal-Kap.89 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap.337 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-proċeduri odjerni, ukoll għall-ħlas tas-somma ta' Lm975, ekwivalenti għal €2,271.14 rappreżentanti VAT/ETC dovuta fuq il-yacht MY Stranamore, ex Gracey Lee, ġew istitwiti mill-attur Joseph Muscat fil-konfront tal-konvenuti Charles Schembri u Jonathan Tonna fis-**27 ta' Jannar 2000**, u cioè madwar ħmistax-il ġurnata wara li l-Kontrollur tad-Dwana istitwixxa l-proċeduri tiegħu. Fiż-żmien meta l-proċeduri in eżami ġew istitwiti l-eżitu tal-proċeduri istitwiti mill-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront *inter alia* ta' l-attur odjern kien, ovvjament, għadu mhux magħruf u għalhekk il-konvenut Tonna għandu raġun jikkontendi li l-azzjoni odjerna kienet imtempestiva, intempestività li ġiet del resto kkonfermata mill-eżitu finali tal-proċeduri istitwiti mill-Kontrollur tad-Dwana. Ladarba Joseph Muscat, u del resto anke Jonathan Tonna, ma ġie kkundannat iħallas ebda ammont lill-Kontrollur tad-Dwana huwa bilwisq

evidenti li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti inutilment, u dana mhux biss fil-konfront tal-konvenut Jonathan Tonna imma anke fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Charles Schembri. Il-Qorti in oltre tosserva li l-attur odjern seta' jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu pendenti l-eżitu tal-proċeduri istitwiti mill-Kontrollur tad-Dwana b'mezzi ġiudizzjarji oħra u mhux neċessarjament u bil-fors bl-istituzzjoni ta' azzjoni ċivili. Ladarba l-azzjoni attriċi kienet kjarament intempestiva u rriżultat għal kollox inutili ma jkunx ġust li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġi kkundannat iħallas jew jissopporta l-ispejjeż relattivi għal dawn il-proċeduri.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li l-mertu ta' l-azzjoni attriċi jinsab eżawrit fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana v. Jonathan Tonna et" Avviż Nru. 45/00 deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2014; u għaldaqstant
2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' l-azzjoni attriċi;
3. Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intempestività sollevata mill-konvenut Jonathan Tonna u b'hekk tiddikjara l-azzjoni attriċi intempestiva;
4. Tiddikjara li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-attur; u konsegwenement
5. Tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuti Charles Schembri u Jontahan Tonna l-ispejjeż ġiudizzjarji minnhom rispettivament inkorsi relattivament għal proċeduri odjerni.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**